MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 259/2003

**Rachel Josephine Elbozidi**

**vs**

**Mohamed Elbozidi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Marzu 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fil-11 ta' Gunju 2001 l-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg fir-Registru Pubbliku, Valletta.

Illi l-konvenut huwa cittadin Libjan ta' disgha u ghoxrin (29) sena, izzewweg lill-attrici sempliciment ghaliex ried jottjeni c-cittadinanza Maltija u mhux ghaliex ried jidhol f'rabta ta' zwieg maghha;

Illi dan iz-zwieg hwa null peress li l-kunsens tal-konvenut inkiseb ukoll bl-eskluzjoni taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, kif ukoll ghaliex il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-dritttijiet u dmirijiet essenzjali taghha.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fil-11 ta' Gunju 2001 u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att XXXVII tal-1975** kif sussegwentement emendat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tat-taxxa tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat id-digriet tal-affidavits partijiet datat 23 ta' April 2003.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Gunju 2003 (fol.12).

Rat in-nota attrici datata 20 ta' Ottubru 2003 fejn gie esebit l-affidavit taghha u ta' Josephine Zahra datati 17 ta' Ottubru 2003.

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat fil-31 ta' Ottubru 2003 izda la pprezenta nota ta' eccezzjoni u lanqas deher ghall-kawza u ghalhekk huwa kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2003 fejn il-konvenut inghata l-fakolta' li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet fi zmien ghoxrin gurnata, izda hawn ukoll baqa' inadempjenti.

Rat l-istess verbal fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2004.

Rat ix-xhieda kollha prodota.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (i) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>

Illi dawn il-premessi li fuqhom hija bbazata l-azzjoni attrici huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi fil-fatt l-attrici ssostni li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat a bazi ta' **l-artikolu 19 (1) (d) tal-kap 255** li jipprovdi li hemm nullita' taz-zwieg:-

"(d) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of*

*binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi dwar l-ahhar premessa ta' l-attrici bbazata fuq l-**artikolu 19 (1) (f),** dan jipprovdi li z-zwieg ikun null:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg"*.

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit Nru 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u a skans ta' repetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit Nru 3130/96/NA – deciza fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens"*.

**(ii) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attrici kellha biss sbatax-il sena (17) meta ltaqghet mal-konvenut li kien ta' nazzjonalita' Libjana, u wara ftit gimghat bdew anke jkollhom relazzjonijiet intimi, u wara hames xhur marru wkoll joqoghdu flimkien. Pero' wara ftit l-istess konvenut beda jippressa lill-attrici sabiex tizzewgu ghaliex kienet se taghlaq il-*visa* tieghu u beda jibza' li kien ser jitkecca minn Malta.

Illi fil-fatt jidher li l-istess attrici bezghet li kienet ser titilfu u allura huma zzewgu civilment f'Gunju 2001. Pero' minn hawn il-konvenut biddel l-atteggjament tieghu u beda johrog wahdu u jghix hajja qisu mhux mizzewweg, ifittex biss lil shabu, jidhol fis-sakra u jerfa' jdejh fuq l-attrici. Fil-fatt jidher skond ir-rakkont ta' l-attrici li hija kellha tissubixxi vjolenza domestika notevoli. Imbezza' kif kienet, hija baqghet ma tghid xejn lill-genituri taghha ghaliex l-istess konvenut kien heddidha li kien ser joqtol lilha u l-familja taghha jekk hija titilqu.

Illi skond l-attrici l-istess konvenut gie arrestat fi Frar 2002 fuq allegat stupru ta' tfajla minn Marsaskala, izda jidher li gie mehlus. Wara diversi ncidenti ohra hija harbet mid-dar taghhom u marret ghand il-genituri taghha, izda l-

konvenut xorta wahda baqa' jigri warajha, u hawn issir riferenza ghal dak kollu li rrakkontat l-attrici fl-affidavit taghha.

Illi minn dan kollu jidher car li dan kien kien zwieg ta' konvenjenza *stante* li l-partijiet izzewgu biss ghaliex il-konvenut kellu bzonn stat ta' ragel mizzeweg sabiex jibqa' jghix hawn Malta. Min-naha l-ohra l-attrici sforz l-infattwazzjoni li kellha fuqu u minhabba l-weghdiet tieghu, accettat li takkomodah. Dan ifisser li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijet ta' Malta.**

Illi fil-fatt jidher car li l-konvenut dahak bl-attrici u l-iskop tieghu kien biss li japprofitta ruhhu minnha. Dan ghaliex l-ewwel gie kollox bi hlewwa u dan sakemm l-attrici accettat li tizzewgu, izda wara l-istess zwieg il-konvenut ghex kwazi ghal rasu u abbuza mill-attrici b'kull mod, anke bi swat u theddid, u allura ma hemm l-ebda dubju f'ghajnejn din il-Qorti li dan iz-zwieg kien biss zwieg finta ghall-konvenut. Dan peress li apparti dak premess, huwa kontinwament haqar lill-attrici u wzaha biss ghall-iskopijiet tieghu.

Illi min-naha ta' l-attrici jidher li l-kunsens taghha kien ukoll simulat peress li hija accettat li tizzewweg lill-konvenut, meta hija kienet taf li huwa ried jaghmel dan biex joqghod hawn Malta u ma jitkecciex. Apparti minn hekk hija kienet infattwata bih, u dan f'eta' meta l-istess attrici kienet immatura ghall-ahhar u kienet ghalhekk lusingata bl-avvanzi tal-konvenut. Ghaldaqstant il-kunsens ta' l-attrici kien ukoll vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet kif fuq premess.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici fis-sens biss hawn deciz**, b'dan illi:-

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti tal-11 ta' Gunju 2001 minhabba li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** filwaqt li dak ta' l-attrici kien vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------